10 ta' Novembru, 1954.

**Imhallef:**
**L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

**Concetta Sultana *versus* Henry Sultana**

**Separazzjoni Personali — Mara — Alimenti — Art. 3(2) tal-Kodići Civili.**

*Ir-raġel hu fid-dmir, fost ohrajn, li jmantni lill-martu skond il-mezzi u l-kondizzjoni tieghu; u sakemm hu ma jottjenix il-liberazzjoni tieghu minn dak l-obbligu permezz ta' kawża ta' separazzjoni, "si et quatenus", huwa ghandu l-obbligu li jmantni lil martu skond il-mezzi u l-kondizzjoni tieghu.*

*Jekk il-miżżewġin ikunu mifrudin minn xulxin minghajr sentenza jew kuntratt skond il-liġi, u r-raġel ma jkunx irid jaghmel paći mal-mara, huwa ghandu johroġ il-menzeniment ghaliha, ghalkemm ma hemmx bejniethom ebda separazzjoni skond il-liġi.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi titlob illi, wara li jiġu maghmula d-dijjarazzjonijiet neċessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi minn dina l-Qorti kundannat jghaddilha pensjoni alimentarja fl-ammont u taht il-modalitajiet li jiġu fissati minn dina l-istess Qorti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li jiġi inġunt biex jidher ghas-subizzjoni:

*Omissis;*

Ikkonsidrat;

Illi xi xhur ilu l-attriċi halliet id-dar konjugali, u meta reġghet lura il-konvenut ma riedx jilqaghha f'dik id-dar. Il-konvenut ghadu ta' l-istess fehma, u ddikjara fix-xhieda tieghu, fuq mistoqsija tal-Qorti, illi huwa ma jridx f'daru lill-attriċi, li hi martu;

Illi l-konvenut, bħala raġel ta' l-attriċi, hu fid-dmir skond il-liġi (art 3(2) Kodiċi Ċivili), li, fost ħwejjeġ oħra, iżomma skond il-mezzi u l-kondizzjoni tiegħu, u sakemm ma jottjenix il-liberazzjoni tiegħu mill-obligu ta' dan il-manteniment b'kawża ta' separazzjoni, "si et quatenus", huwa għandu jmantni lill-attriċi fit-termini tad-dispożizzjoni tal-liġi fuq imsemmija (Vol. XXIX-II-539). Tabilħaqq, jekk ir-raġel u l-mara miżżewġin jinfirdu minn xulxin mingħajr sentenza jew kuntratt skond il-liġi, u r-raġel ma jridx jagħmel paċi ma' martu, kif inhu l-każ tal-kontendenti f'din il-kawża, huwa għandu joħroġ il-manteniment għaliha, għalkemm ma hemmx bejniethom ebda separazzjoni skond il-liġi (Vol. XXIX—II—313);

Billi ġie pruvat li l-konvenut jaqla'...........

Fil-kontumaċja tal-konvenut;

Tiddeċidi adeżivament għat-talba ta' l-attriċi, billi tikkundanna lill-konvenut jgħaddilha pensjoni alimentarja ta' 5s. 10d. kulljum, tithallas bil-ġimgħa u bil-quddiem, kull nhar ta' Ġimgħa, fid-domiċilju ta' l-attriċi, u tibda mit-12 ta' Novembru 1954. L-ispejjeż iħallashom il-konvenut.